**MALTAFit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**
**(Att dwar it-Taxxa fuq l-Income - Kap.123 tal-Liġijiet ta' Malta)**
**(Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa - Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta)**
**Maġistrat**
**Dr.Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 27/18VG**

**XXX**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxi**

**Illum 21 ta' Jannar 2021**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ippreżentat minn XXX fit-23 ta' Marzu 2018 permezz ta' liema jitlob li t-Tribunal: (i) iħassar l-ordni sabiex huwa jħallas it-taxxa fuq is-salarju ġewwa Malta, diment li jibqa' jħallas it-taxxa ġewwa l-Irlanda; (ii) iħassar kull deċiżjoni, stima, multa, interessi u/jew kull piena oħra maħruġa mid-Dipartiment tat-Taxxi kontra tiegħu in vista ta' l-allegata talba biex huwa jibbenefika mir-rata ta' *single parent-married* u dan għaliex huwa talab biex jiġi imniżżel fil-kategorija ta' *single tax rate*; bla preġudizzju u f'każ li dawn it-talbiet ma jiġux milqugħa, jitlob li t-Tribunal (iii) jikkanċella l-istimi maħruġa fil-konfront tiegħu mill-Kummissarju tat-Taxxi għas-snin ta' stima 2011, 2012, 2013, 2014 u 2015; (iv) jikkanċella *in toto* l-penali amministrattivi imposti fuqu mill-Kummissarju tat-Taxxi; (v) jikkanċella *in toto* jew in parte l-imgħaxijiet imposti fuqu mill-Kummissarju tat-Taxxi; (vi) jikkanċella *in toto* kull ħlas ta' penali w interessi għaliex huwa kien informa lid-Dipartiment tat-Taxxi fl-2008 li huwa kien qiegħed l-Irlanda jaħdem mal-linja ta' l-ajru Ryanair, fil-fatt huwa dejjem irċieva r-rendikont tat-taxxa annwali bil-bilanċ dovut ta' €0.00; **u** sabiex it-Tribunal jakkordalu r-rimedju Kostituzzjonali spettanti lilu skond il-Liġi, fosthom u senjatament l-Artikolu 6 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap.319 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikoli tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, billi: (vii) jiddikjara li huwa: (a) sofra diskriminazzjoni, u (b) kellu restrizzjoni fuq il-libertà u tgawdija ta' ħajja normali, kemm tal-familja tiegħu u vice versa; (viii) jiddikjara li l-Kummissarju tat-Taxxi responsabbli għad-danni sofferti minnu u l-familjari tiegħu bħala riżultat tal-vjolazzjoni tad-Drittijiet Fundamentali tiegħu gia ċitati; (ix) jiddikjara u jillikwida l-ammont dovut bħala kumpens ai termini tal-Kap.319 Dwar il-Konvenzjoni Ewropea u l-Kostituzzjoni ta' Malta, b'referenza għall-artikoli gia ċitati; (x) jiddikjara u jikkundanna lill-Kummissarju tat-Taxxi jħallsu dan il-kumpens u l-interessi dovuti fuq is-somma

hekk likwidata; (xi) jagħti kull provvediment ieħor li jkun jidhirlu xieraq u opportun sabiex jiġu salvagwardati d-drittijiet fondamentali tiegħu; bl-ispejjeż kontra l-Kummissarju tat-Taxxi;

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur markati Dok. "JCZ1" sa' Dok. "JCZ8" a fol. 12 sa' 46 tal-proċess;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi permezz ta' liema jopponi għall-appell tar-Rikorrent mill-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa maħruġa fil-konfront tiegħu għas-snin ta' stima 2011, 2012, 2013, 2014 u 2015 u jitlob li l-istess jiġi miċħud, bl-ispejjeż kontra ir-Rikorrent, u minflok l-imsemmija Likwidazzjonijiet ta' Taxxa jiġu kkonfermati stante li: (i) in linea preliminari dan it-Tribunal ma għandux il-fakoltà li jiddeċiedi dwar kwistjonijiet ta' natura Kostituzzjonali u a tenur ta' l-Artikolu 4(3) ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, Kap.319 tal-Liġijiet ta' Malta, lanqas għandu l-fakoltà li jagħmel referenza fejn tqum lanjanza ta' natura kostituzzjonali. Ir-Rikorrent kellu jġib tali lanjanzi quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili; (ii) bla preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, ir-Rikors promotur baqa' qatt ma ġie notifikat lill-Kummissarju tat-Taxxi bħala l-Kap ta' l-Amministrazzjoni Pubblika involuta f'tali vertenza minkejja li a tenur ta' l-Artikolu 15(3) tal-Kap.490 tal-Liġijiet ta' Malta n-notifika kellha ssir fi żmien ħamest ijiem mid-data tal-preżentata tar-Rikors. L-Avukat Ġenerali ma huwiex rappreżentant ta' l-Amministrazzjoni Pubblika li mid-deċiżjoni tagħha qed isir l-appell odjern; (iii) bla preġudizzju għall-ewwel żewġ eċċezzjonijiet, fil-mertu l-allegazzjonijiet u pretensjonijiet tar-Rikorrent huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt;

Ra d-dokumenti annessi mar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi markati Dok. "KTT1" sa' Dok. "KTT5" a fol. 56 sa' 124 tal-proċess;

Ra li b'Digriet datat 14 ta' Ġunju 2018[1] it-Tribunal ordna korrezzjoni fl-intestatura tat-Tribunal fis-sens li jiżdiedu l-kliem "Att dwar it-Taxxa fuq l-Income - Kap.123 tal-Liġijiet ta' Malta" u "Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa - Kap.372 tal-Liġijiet ta' Malta" u ordna korrezzjoni fl-okkju tal-proċeduri fis-sens illi isem il-Kummissarju tat-Taxxi Interni jiġi indikat bħala "Il-Kummissarju tat-Taxxi";

Sema' x-xhieda ta' John Zammit mogħtija waqt is-seduta ta' l-14 ta' Ġunju 2018[2] u ix-xhieda tar-Rikorrent mogħtija waqt is-seduti tal-11 ta' Ottubru 2018[3] u tal-15 ta' Novembru 2018[4], ra d-dokumenti markati Dok.l "JCZ-A1" sa' Dok. "JCZ-A3" esebiti mir-Rikorrent permezz ta' Nota ppreżentata fit-13 ta' Settembru 2018 a fol. 136 sa' 146 tal-proċess u ra d-dokumenti esebiti mid-difensur tal-Kummissarju tat-Taxxi markati Dok. "SA1" sa' Dok. "SA6" a fol. 148 sa' 172 tal-proċess, ra l-affidavit ta' Marco Borg, rappreżentant tal-Kummissarju tat-Taxxi, u d-dokumenti annessi miegħu a fol. 183 sa' 319 tal-proċess u sema' x-xhieda ta' Marco Borg, rappreżentant tal-Kummissarju tat-Taxxi, mogħtija waqt is-seduta ta-17 ta' Jannar 2019[5];

[1] Fol. 132 tal-proċess.
[2] Fol. 133 sa' 135 tal-proċess.
[3] Fol. 173 sa' 180 tal-proċess.
[4] Fol. 320 sa' 322 tal-proċess.
[5] Fol. 324 sa' 332 tal-proċess.

Ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrent a fol. 333 sa' 344 tal-proċess u ra n-Nota Responsiva tal-Kummissarju tat-Taxxi a fol. 348 sa' 379 tal-proċess;

Sema' t-trattazzjoni finali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Ra l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkonsidra:**

Permezz ta' Likwidazzjonijiet ta' Taxxa għas-snin ta' stima 2011, 2012, 2013, 2014 u 2015 maħruġa mill-Kummissarju tat-Taxxi fid-9 ta' Awwissu 2016[6], ir-Rikorrent ġie mitlub iħallas is-somma komplessiva ta' €17,904 rappreżentanti taxxa dovuta għas-snin ta' stima imsemmija, flimkien ma' taxxa addizzjonali w imgħaxijiet. Ir-Rikorrent oġġezzjona għal dawn il-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa b'ħames Avviżi ta' Oġġezzjoni datati 6 ta' Settembru 2016. L-oġġezzjonijiet tar-Rikorrent ġew miċħuda hekk kif jirriżulta mill-Avviżi ta' Rifjut ta' Oġġezzjoni datati 22 ta' Frar 2018[7] u in forza ta' Likwidazzjonijiet ta' Taxxa għas-snin ta' stima 2011, 2012, 2013, 2014 u 2015 maħruġa fid-9 ta' Frar 2018[8], ir-Rikorrent ġie mitlub iħallas is-somma komplessiva ta' **€20,788** rappreżentanti taxxa dovuta għas-snin ta' stima imsemmija, flimkien ma' taxxa addizzjonali w imgħaxijiet.

Ir-Rikorrent ħassu aggravat bil-ħruġ tal-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa għas-snin ta' stima 2011, 2012, 2013, 2014 u 2015 fil-konfront tiegħu w interpona dan l-appell minnhom. Huwa jitlob li t-Tribunal: (i) iħassar l-ordni sabiex huwa jħallas it-taxxa fuq is-salarju ġewwa Malta, diment li jibqa' jħallas it-taxxa ġewwa l-Irlanda; (ii) iħassar kull deċiżjoni, stima, multa, interessi u/jew kull piena oħra maħruġa mid-Dipartiment tat-Taxxi kontra tiegħu in vista ta' l-allegata talba biex huwa jibbenefika mir-rata ta' *single parent-married* u dan għaliex huwa talab biex jiġi imniżżel fil-kategorija ta' *single tax rate*; bla preġudizzju u f'każ li dawn it-talbiet ma jiġux milqugħa, jitlob li t-Tribunal (iii) jikkanċella l-istimi maħruġa fil-konfront tiegħu mill-Kummissarju tat-Taxxi għas-snin ta' stima 2011, 2012, 2013, 2014 u 2015; (iv) jikkanċella *in toto* l-penali amministrattivi imposti fuqu mill-Kummissarju tat-Taxxi; (v) jikkanċella *in toto* jew in parte l-imgħaxijiet imposti fuqu mill-Kummissarju tat-Taxxi; (vi) jikkanċella *in toto* kull ħlas ta' penali u interessi għaliex huwa kien informa lid-Dipartiment tat-Taxxi fl-2008 li huwa kien qiegħed l-Irlanda jaħdem mal-linja ta' l-ajru Ryanair, fil-fatt huwa dejjem irċieva r-rendikont tat-taxxa annwali bil-bilanċ dovut ta' €0.00; u sabiex it-Tribunal jakkordalu r-rimedju Kostituzzjonali spettanti lilu skond il-Liġi, fosthom u senjatament l-Artikolu 6 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap.319 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikoli tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, billi: (vii) jiddikjara li huwa: (a) sofra diskriminazzjoni, u (b) kellu restrizzjoni fuq il-libertà u tgawdija ta' ħajja normali, kemm tal-familja tiegħu u vice versa; (viii) jiddikjara li l-Kummissarju tat-Taxxi responsabbli għad-danni sofferti minnu u l-familjari tiegħu bħala riżultat tal-vjolazzjoni tad-Drittijiet Fundamentali tiegħu gia ċitati; (ix) jiddikjara u jillikwida l-ammont dovut bħala kumpens ai termini tal-Kap.319 Dwar il-Konvenzjoni Ewropea u l-Kostituzzjoni ta' Malta, b'referenza għall-artikoli gia ċitati; (x) jiddikjara u

[6] Dok. "MB8" a fol. 269 sa' 273 tal-proċess.
[7] Dok. "MB13" a fol. 315 sa' 319 tal-proċess.
[8] Dok. "MB12" a fol. 307 sa' 314 tal-proċess.

jikkundanna lill-Kummissarju tat-Taxxi jħallsu dan il-kumpens u l-interessi dovuti fuq is-somma hekk likwidata; (xi) jagħti kull provvediment ieħor li jkun jidhirlu xieraq u opportun sabiex jiġu salvagwardati d-drittijiet fondamentali tiegħu; bl-ispejjeż kontra l-Kummissarju tat-Taxxi.

Ir-Rikorrent jibbaża l-appell tiegħu mill-imsemmija Likwidazzjonijiet ta' Taxxa fuq is-segwenti aggravji:

(1) *Fl-ewwel lok l-esponenti ma għandux għalfejn iħallas it-taxxa f'Malta fuq is-salarju tiegħu mill-kumpannija barranija Ryanair meta huwa digà ddikjara dan is-salarju u ħallas it-taxxa dovuta annwali ġewwa l-Irlanda, kuntrarjament għal dak li qed jiġi ordnat sabiex jagħmel mid-dipartiment tat-Taxxi, u cioè li l-esponenti jħallas it-taxxa f'Malta u jitlob rifużjoni għat-taxxa imħallsa fl-Irlanda;*
(2) *Fit-tieni lok, l-istima magħmula mill-Kummissarju tat-Taxxi appellat hija waħda għal kollox arbitrarja u li għalhekk ma tirriflettix b'mod reali u ġust, speċjalment meta l-esponenti digà ħallas it-taxxa dovuta skond il-liġi kif già ritenut ġewwa l-Irlanda, aktar u aktar meta d-dipartiment tat-taxxi ġewwa Malta diġa rċieva t-Tax Returns mingħand l-esponenti u sussegwentement irċieva lura mid-dipartiment ikkonċernat dokumenti li ma hemmx taxxa dovuta u li l-bilanċ jaqra €0.00;*
(3) *Fit-tielet lok, l-esponenti qatt ma talab lid-dipartiment sabiex jibbenefika bħala single parent - married. Di fatti kien informa lid-dipartiment li huwa kien qed iħallas bħala single tax rate. Dan l-argument kien ġie diskuss u konkluż mad-dipartiment;*
(4) *L-aġir tad-Dipartiment tat-Taxxi qiegħed jikkostitwixxi diskriminazzjoni fil-konfront tiegħu u dan għaliex mhux il-membri kollha ta' l-ekwipaġġ (passati u preżenti) ta' l-ajru tar-Ryanair f'Malta qed jiġu evalwati bl-istess għemil u aġir f'dan ir-rigward skond il-Protokoll Nru.12 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fondamentali, l-ewwel artikolu, u bi ksur tal-Kostituzzjoni ta' Malta, tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali ta' l-Individwu a tenur ta' l-Artikoli 39, 44, 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta*[9].

Il-Kummissarju tat-Taxxi jopponi għall-appell tar-Rikorrenti mill-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa għas-snin ta' stima 2011, 2012, 2013, 2014 u 2015 u jitlob li l-istess jiġi miċħud u minflok l-imsemmija Likwidazzjonijiet jiġu kkonfermati stante li (i) in linea preliminari dan it-Tribunal ma għandux il-fakoltà li jiddeċiedi dwar kwistjonijiet ta' natura Kostituzzjonali u a tenur ta' l-Artikolu 4(3) ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, Kap.319 tal-Liġijiet ta' Malta, lanqas għandu l-fakoltà li jagħmel referenza fejn tqum lanjanza ta' natura kostituzzjonali. Ir-Rikorrent kellu jġib tali lanjanzi quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili; (ii) bla preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, ir-Rikors promotur baqa' qatt ma ġie notifikat lill-Kummissarju tat-Taxxi bħala l-Kap ta' l-Amministrazzjoni Pubblika involuta f'tali vertenza minkejja li a tenur ta' l-Artikolu 15(3) tal-Kap.490 tal-Liġijiet ta' Malta n-notifika kellha ssir fi żmien ħamest ijiem mid-data tal-preżentata tar-Rikors. L-Avukat Ġenerali ma huwiex rappreżentant ta' l-Amministrazzjoni Pubblika li mid-deċiżjoni tagħha qed isir l-appell odjern; (iii) bla preġudizzju għall-ewwel żewġ eċċezzjonijiet, fil-mertu l-

[9] Para. 2 u 3 tar-Rikors promotur, fol. 2 tal-proċess.

allegazzjonijiet u pretensjonijiet tar-Rikorrent huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt.

It-Tribunal iqis li qabel ma jittratta l-appell tar-Rikorrent fil-mertu jkun opportun li jiġu trattati tlett punti partikolari sollevati mill-partijiet kontendenti fir-Rikors u Risposta rispettivi tagħhom. Dawn il-punti huma: (i) it-tieni eċċezzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi fis-sens illi huwa qatt ma ġie notifikat bir-Rikors promotur kif titlob il-Liġi; (ii) l-aggravju u konsegwenti rimedju pretiż mir-Rikorrent a bażi ta' l-allegat ksur tad-drittijiet fondamentali tiegħu u l-eċċezzjoni relattiva tal-Kummissarju tat-Taxxi li t-Tribunal ma huwiex il-forum kompetenti biex jitratta kwistjonijiet ta' natura Kostituzzjonali; u (iii) il-pretensjoni tar-Rikorrent li ebda taxxa ma hija dovuta minnu lill-erarju Malti fid-dawl tal-fatt li l-istess Dipartiment tat-Taxxi, wara li rċieva id-dikjarazzjonijiet tat-taxxa tiegħu, dejjem għarraf lir-Rikorrent li ebda taxxa ma hija dovuta minnu.

**Ir-Rikors promotur qatt ma ġie notifikat lill-Kummissarju tat-Taxxi ai termini ta' l-Artikolu 15(3) tal-Kap.490 tal-Liġijiet ta' Malta:**

Kif appena osservat il-Kummissarju tat-Taxxi jilqa' għall-appell tar-Rikorrent bl-eċċezzjoni li r-Rikors promotur baqa' qatt ma ġie notifikat lilu bħala l-Kap ta' l-Amministrazzjoni Pubblika involuta fil-vertenza odjern minkejja li a tenur ta' l-Artikolu 15(3) tal-Kap.490 tal-Liġijiet ta' Malta n-notifika kellha ssir fi żmien ħamest ijiem mid-data tal-preżentata tar-Rikors. L-Avukat Ġenerali ma huwiex rappreżentant ta' l-Amministrazzjoni Pubblika li mid-deċiżjoni tagħha qed isir l-appell odjern.

Il-proċedura quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva hija regolata bl-Artikolu 15 ta' l-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, Kap.490 tal-Liġijiet ta' Malta, li fis-subartikoli (2), (3) u (4) jipprovdi li: *(2) Il-proċedimenti fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandhom jibdew bil-preżentata ta' Rikors. Ir-rikorrent għandu jippreżenta rikors fir-Reġistru tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva. Dan ir-rikors għandu jkun fih: (a) dikjarazzjoni ċara u korretta tas-suġġett u r-raġuni għat-talba; (b) it-talba jew it-talbiet; (ċ) esposizzjoni ċara u dettaljata tal-fatti tal-każ, kif ikun jafhom ir-rikorrent; (d) l-isem tax-xhieda li r-rikorrent ikun bi ħsiebu jħarrek inkluż it-taħrik tal-kontroparti, bid-dikjarazzjoni fir-rigward ta' kull xhud tal-prova li r-rikorrent ikun bi ħsiebu jagħmel permezz tagħhom; u (e) ir-rimedju li jkun qiegħed jintalab, bl-ispejjeż kontra l-amministrazzjoni pubblika. (3)* ***Ir-rikors għandu jiġi notifikat lill-amministrazzjoni pubblika mhux iktar tard minn ħamest ijiem utili mid-data tal-preżentata[10]****. Id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 3 fejn għandhom x'jaqsmu ma' l-ispeditezza tal-proċeduri għandhom jiġu osservati fil-każ tar-risposta. (4)* ***L-amministrazzjoni pubblika għandha tippreżenta r-risposta tagħha fi żmien għoxrin jum mid-data tan-notifika tar-rikors[11]****, sakemm ma tkunx bi ħsiebha tammetti t-talba.*

Minn dan il-provvediment tal-Liġi joħroġ ferm ċar li r-Rikors promotur fi proċeduri istitwiti quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandu jiġi notifikat **lill-**

[10] Enfasi tat-Tribunal.
[11] Enfasi tat-Tribunal.

**amministrazzjoni pubblika direttament**, f'dan il-każ lill-Kummissarju tat-Taxxi bħala kap tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni, fi żmien ħamest ijiem mill-preżentata tar-Rikors, liema amministrazzjoni pubblika jkollha **żmien għoxrin ġurnata min-notifika għar-Risposta**.

Fil-każ in eżami r-Rikors promotur ma ġiex notifikat lill-Kummissarju tat-Taxxi li ai termini ta' l-Artikolu 3 ta' l-Att dwar il-Kummissarju tat-Taxxi, Kap. 517 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa l-Kap tad-Dipartimenti tat-Taxxa, u li ai termini tas-subartikolu (5) ta' l-imsemmi Artikolu tal-Liġi għandu r-rappreżentanza legali u ġudizzjarja tal-Gvern fid-dokumenti, atti ġudizzjarji u azzjonijiet kollha li jkollhom x'jaqsmu mal-ġbir ta' taxxa u ma' kull kwistjoni oħra li d-dipartimenti tat-taxxa jkollhom interess fiha (sakemm dik ir-rappreżentanza ma tkunx ġiet delegata ai termini ta' l-istess Kap.517 tal-Liġijiet ta' Malta), iżda ġie notifikat lill-Avukat Ġenerali. Nonostante dan il-fatt però r-Rikors promotur hekk notifikat lill-Avukat Ġenerali xorta waħda inġieb a konjizzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi li, a sua volta, entro t-terminu ta' għoxrin ġurnata mid-data tan-notifika lill-Avukat Ġenerali, intavola r-Risposta tiegħu mill-appell tar-Rikorrent.

Huwa evidenti għalhekk li għalkemm ir-Rikorrent ma mexiex skond id-disposizzjoni ta' l-Artikolu 15(3) tal-Kap.490 tal-Liġijiet ta' Malta in kwantu rigwarda n-notifika tar-Rikors ta' l-appell tiegħu mill-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa maħruġa kontrih għas-snin ta' stima 2011, 2012, 2013, 2014 u 2015, il-Kummissarju tat-Taxxi f'dan il-każ ma sofra l-ebda preġudizzju stante li huwa effettivament irrisponda u kkontesta l-appell tar-Rikorrent u dana per di più fi żmien għoxrin ġurnata minn meta r-Rikors promotur ġie notifikat lill-Avukat Ġenerali.

B'hekk għalkemm il-Kummissarju tat-Taxxi ġustament ilment mill-fatt li r-Rikors promotur qatt ma ġie lilu formalment notifikat, it-Tribunal ma jqisx li fiċ-ċirkostanzi tal-każ kif svolġew għandu jieħu azzjoni jew provvedimenti fir-rigward u għaldaqstant jastejni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni eċċezzjoni sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi.

**Ksur tad-drittijiet fondamentali tar-Rikorrent u rimedju mitlub/eċċezzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi li t-Tribunal ma huwiex il-forum kompetenti biex jitratta kwistjonijiet ta' natura kostituzzjonali:**

Fir-Rikors promotur ir-Rikorrent kjarament jikkontendi li skontu l-aġir tal-Kummissarju tat-Taxxi/Dipartiment tat-Taxxi joħloq diskriminazzjoni fil-konfront tiegħu peress illi mhux il-membri kollha ta' l-ekwipaġġ tar-Ryanair f'Malta huma trattati bl-istess mod. Huwa jikkontendi li l-aġir tal-Kummissarju huwa leżiv tad-drittijiet fondamentali tiegħu kif sanċiti fl-Artikoli 39 u 44 tal-Kostituzzjoni u fl-ewwel Artikolu tal-Protokoll Nru. 12 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fondamentali. Konsegwentement huwa jitlob li jingħata rimedju opportun għal dan l-allegat ksur tad-drittijiet fondamentali tiegħu, konsistenti fil-likwidazzjoni u konsegwenti kundanna ħlas ta' kumpens għad-danni minnu sofferti a kawża ta' dan l-allegat ksur.

Kif ġustament eċċepit mill-Kummissarju tat-Taxxi però t-Tribunal ma huwiex il-forum kompetenti għat-trattazzjoni u determinazzjoni ta' dan l-aggravju partikolari tar-Rikorrent u tat-talbiet marbuta miegħu. Din in-nuqqas ta' kompetenza tirriżulta b'mod ċar ħafna kemm mill-Kostituzzjoni kif ukoll mill-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, Kap. 372 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jipprovdi b'mod ċar ħafna li: *(1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (6) u (7) ta' dan l-artikolu, kull persuna li tallega li xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 33 sa' 45 (magħdudin) ta' din il-Kostituzzjoni tkun ġiet, tkun qed tiġi jew tkun x'aktarx ser tiġi miksura dwarha, jew kull persuna oħra li l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili f'Malta tista' taħtar ad istanza ta' xi persuna li hekk tallega,* ***tista', bla ħsara għal kull azzjoni oħra dwar l-istess ħaġa li tkun tista' ssir legalment, titlob lill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili għal rimedju****. (2)* ***Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċiedi kull talba magħmula minn xi persuna skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet ta' l-imsemmija artikoli 33 sa' 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna***[12]*: Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skond dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi liġi oħra; (3)* ***Jekk f'xi proċeduri f'xi qorti li ma tkunx il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' l-imsemmija artikoli 33 sa' 45 (magħdudin), dik il-qorti għandha tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili kemm-il darba fil-fehma tagħha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx sempliċement frivola jew vessatorja; u dik il-qorti għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha fuq kull kwistjoni mibgħuta quddiemha skond dan is-subartikolu u, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, il-qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni għandha tiddisponi mill-kwistjoni skond dik id-deċiżjoni***[13].

Minn dan il-provvediment tal-Liġi jirriżulta b'mod ċar ħafna li t-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva ma għandux il-kompetenza biex jittratta kwistjonijiet ta' natura Kostituzzjonali bħal dik imqanqla mir-Rikorrent fil-proċeduri odjerni. Apparte dak li kjarament jirriżulta mill-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni, il-kompetenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva dwar kwistjonijiet ta' taxxa fuq l-income hija ben definita fil-Kap.372 tal-Liġijiet ta' Malta, senjatament fl-Artikolu 34(1) u fl-Artikolu 35(1), illi rispettivament jipprovdu: *It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva stabbilit bl-artikolu 5 ta' l-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "it-Tribunal", għandu jkun kompetenti biex jisma' u jaqta' appelli skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 35; ... Kull persuna illi, aggravata bi stima magħmula dwarha, ma tkunx ftehmet mal-Kummissarju kif maħsub fis-subartikolu (4) ta' l-artikolu 33 tista' tagħmel, fi żmien tletin ġurnata*

[12] Enfasi tat-Tribunal.
[13] Enfasi tat-Tribunal.

*wara d-data tan-notifika lilha ta' avviż tar-rifjut tal-Kummissarju li jemenda l-istima kif mixtieq, appell kontra dik l-istima lit-Tribunal.*

B'hekk il-lanjanza u konsegwenti talba ta' natura Kostituzzjonali avvanzata mir-Rikorrent f'dawn il-proċeduri ma tistax tiġi kkunsidrata u tanto meno trattata u deċiża minn dan it-Tribunal.

Għal kull buon fini t-Tribunal josserva li huwa lanqas jista' jagħmel referenza lill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) stante li ma jikkwalifikax bħala "qorti" ai termini ta' l-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni.

Fir-rigward issir referenza għal dak osservat mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fl-ismijiet **Kummissarju ta' l-Artijiet v. Ignatius Licari**, App. Nru. 9/01, deċiża fit-30 ta' Ġunju 2004: *kif ġie mfisser minn din il-Qorti, diversament komposta, fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v. Emanuel Vella: toħroġ waħedha l-konkluzjoni, għalhekk, li skond il-Kostituzzjoni t-termini "qorti" u "tribunal" jew "awtorità oħra ġudikanti" m'humiex ekwipollenti u ma jintużawx indiskriminatament wieħed għall-ieħor. Meta trid tfisser "tribunal" jew "awtorità oħra ġudikanti", il-Kostituzzjoni tgħidu, u għalhekk meta tuża t-terminu "qorti" waħdu ma nistgħux nestendu s-sinjifikat ta' din il-kelma anke għal dak li mhux qiegħed jiġi nkluż u li meta riedet tinkludih il-Kostituzzjoni inkludietu. ... Il-Kostituzzjoni fl-artikolu 48(1) tgħid ukoll li għall-finijiet tal-interpretazzjoni tal- Kapitolu IV, li jirrigwarda d-drittijiet u libertajiet fondamentali tal-individwu ... il-kelma "qorti" tfisser kull qorti f'Malta li ma tkunx qorti mwaqqfa bi jew skond liġi dixxiplinarja, u fl-artikoli 34 u 36 tal-Kostituzzjoni tinkludi, dwar reat kontra liġi dixxiplinarja, qorti hekk imwaqqfa. Din id-definizzjoni turi biċ-ċar li min għamel il-Kostituzzjoni, wara li, kif già spjegat, iddistingwa bejn "qorti" u "tribunal" u "awtorità oħra ġudikanti", kompla jagħmel din id-distinzjoni meta iddefinixxa l-kelma "qorti" billi ma nkludiex fiha la tribunal u l-anqas awtorità oħra ġudikanti, kif kien wisq naturali jagħmel kieku ried jagħti lill-kelma "qorti" sinjifikat estensiv b'mod li tinkludi wkoll "tribunal" jew "awtorità oħra ġudikanti". Din il-Qorti, għalhekk, ma tistax taqbel ma' dak li qalet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata li l-kelma "qorti" tinkludi kull forma ta' tribunal jew post fejn il-ġustizzja tiġi amministrata. Din il-Qorti, kif illum komposta, taqbel perfettament ma' din is-silta mis-sentenza ta' Emanuel Vella. Din il-Qorti żżid tosserva a propositu li hu evidenti li meta, fid-definizzjoni ta' "qorti" mogħtija fl-Artikolu 47(1) il-leġislatur jirreferi għal "qorti mwaqqfa bi jew skond liġi dixxiplinari" kien qed jirreferi għall-qrati marzjali, b'mod għalhekk li tali qorti tista' – jew aħjar kienet tista' – tikkundanna lil xi ħadd għall-mewt minħabba li jkun ikkommetta reat kontra l-liġi dixxiplinarja applikabbli (Art. 33(1)), kif ukoll tista' tikkundanna lil dak li jkun għal xogħol furzat (Art. 33(2)(a)(b)). Qorti marzjali, iżda, xorta waħda ma tistax tagħmel referenza fir-termini tal-Artikolu 46(3) proprju għax l-estensjoni tal-kelma "qorti" biex tinkludi "qorti marzjali" hi limitata għall-Artikoli 33 u 35. Issegwi, għalhekk, il-mistoqsija: liema organi jammontaw għal "qrati" (eċċetwati il-qrati marzjali) fis-sens tad-definizzjoni kontenuta fl-Artikolu 47(1) tal-Kostituzzjoni? Ir-risposta ngħatat minn din il-Qorti, diversament komposta, fis-sentenza ta' Emmanuel Vella: Minn eżami ta' din it-Taqsima [Kapitolu VIII – Il- Gudizzjarju] jidher li l-Kostituzzjoni qiegħda tikkontempla żewġ xorta ta' Qrati – il-Qrati Superjuri u l-Qrati Inferjuri. Din id-distinzjoni magħmula mill-Kostituzzjoni taqbel mad-distinzjoni li kienet ġiet introdotta għall-ewwel*

*darba fil-bidu ta' l-okkupazzjoni Ingliża f'Malta mill-ewwel Gvernatur Ingliż Sir Thomas Maitland, u tinsab fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili kif ukoll fil-Kodiċi Kriminali. L-istess Taqsima, imbgħad, tirriferixxi għall-Imhallfin tal-Qrati Superjuri u tiddisponi dwar il-ħatra u t-tiżmim tal-kariga tagħhom. It-taqsima tirriferixxi imbgħad għall-Maġistrati tal-Qrati Inferjuri u tiddisponi dwar il-ħatra tagħhom u tapplika għalihom id-disposizzjonijiet rigwardanti t-tiżmim tal-kariga ta' Mħallef. Jidher ċar mill-kumpless tad-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima li minn għamel il-Kostituzzjoni bil-kelma "Qorti" ried jifhem biss "Qorti Superjuri" jew "Qorti Inferjuri"... Din il-Qorti ma tara li għandha b'ebda mod tiddipartixxi minn dan l-insenjament. L-organi ġudizzjarji ordinarji huma dawk li jikkwalifikaw bħala jew Qorti Superjuri jew Qorti Inferjuri fit-termini tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u huwa għal dawn il-"qrati" li l-leġislatur qed jirreferi fl-Artikoli 46(3) u 47(1) tal-Kostituzzjoni (eċċettwati dejjem il-qrati marzjali limitatament għall-Artikoli 33 u 35). Din id-differenza bejn dawk l-organi li jiffurmaw parti mill-istruttura ġudizzjarja ordinarja u dawk l-organi l-oħra li, għalkemm jamministraw il-ġustizzja (u jistgħu anke jissejħu "qrati"), ma jiffurmawx hekk parti ġiet senjalata minn din il-Qorti, ukoll diversament komposta, fis-sentenza tagħha tat-3 ta' Dicembru, 1997 fl-ismijiet Cecil Pace et v. Onorevoli Prim Ministru et fejn ingħad hekk: Tribunal jew, kif ġrafikament espress fil-Kostituzzjoni, "awtorità ġudikanti" imwaqqfa b'liġi biex ikun jista' jikkwalifika bħala tali jeħtieġ li jkun karatterizzat bil-fatt li jkun korp b'funzjoni ġudizzjarja bil-fakoltà li jiddetermina u jiddeċiedi materji li skond dik il-liġi jaqgħu fil-kompetenza tiegħu. Hu korp li jeħtieġ li jipproċedi skond ir-regoli preċiżi u ben stabbiliti fil-liġi li tikkostitwih u li jiddeċidi skond dawk ir-regoli. Għandu jkollu l-poter li jorbot lill-partijiet li jidhru quddiemu in kontestazzjoni u id-deċizjoni tiegħu jeħtieġ allura li jkollha effett vinkolanti anke jekk mhux neċċessarjament b'mod finali. Mill-banda l-oħra dan il-korp mhux bilfors – kif ga aċċennat – għandu jkun jifforma parti mill-istruttura ġudizzjarja ordinarja però jrid jinkorpora fih dawk il-karatteristiċi fondamentali assoċjati mal-proċess ġudizzjarju li jkunu jiggarantixxu s-smigħ xieraq fosthom dak il-minimu ta' indipendenza u imparzjalità essenzjali biex juru li mhux biss il-ġustizzja tkun qed issir sewwa u kif mistenni imma li jkun hemm jidher fid-dieher li jkun qed isir. Biex tikkonkludi, għalhekk, din il-Qorti tafferma li l-qrati li l-leġislatur qed jirreferi għalihom fis-subartikolu (3) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni (moqri fid-dawl kemm tal-Artikolu 47(1) kif ukoll tad-disposizzjonijiet l-oħra tal-Kostituzzjoni), kif ukoll fis-subartikolu (3) tal-Artikolu 4 tal-Kap.319 li ġie meħud testwalment mill-Kostutuzzjoni, huma, fil-kamp ċivili, il-Qorti Ċivili, il-Qorti ta' l-Appell u l-Qorti Kostituzzjonli kwantu Qrati Superjuri, u il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) kwantu Qrati Inferjuri; u fil-kamp penali il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) għal dak li huma l-Qrati Inferjuri, u l-Qorti Kriminali u l-Qorti ta' l-Appell Kriminali għal dak li huma Qrati Superjuri.*

Fid-dawl ta' dan appena osservat għalhekk isegwi li l-aggravju tar-Rikorrent relattiv għall-allegat ksur tad-drittijiet fondamentali tiegħu ma jaqax taħt il-kompetenza tat-Tribunal u għaldaqstant jastjeni milli jieħu konjizzjoni tiegħu.

**Ebda taxxa ma hija dovuta mir-Rikorrent stante li wara li ssottometta d-denunzji tat-taxxa tiegħu, dejjem ġie infurmat li l-bilanċ dovut minnu huwa ta' €0.00:**

Dan l-aggravju tar-Rikorrent kjarament u direttament jimpinġi fuq il-jedd tal-Kummissarju tat-Taxxi li joħroġ stimi addizzjonali fil-konfront ta' *taxpayer* li jkun issottometta d-dikjarazzjonijiet tat-taxxa tiegħu.

L-Artikolu 31(5) tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta' Malta - li jittratta dwar stimi u determinazzjonijiet relattivi għas-sena ta' stima 1999 u snin ta' stima sussegwenti - jipprovdi li: *meta l-Kummissarju jkun jidhirlu li t-taxxa li għandha titħallas minn persuna għas-sena ta' stima 1999 jew għal xi sena ta' stima sussegwenti tkun ġiet determinata f'ammont inqas minn dak li kellu jiġi ntaxxat, il-Kummissarju jista' wara li jqis dawk il-prospetti, kotba jew provi oħra, jekk ikun hemm, li jistgħu jinġiebu quddiemu jew jinkisbu minnu, skond l-aħjar ġudizzju tiegħu jagħmel stima tal-income taxxabbli ta' dik il-persuna, it-taxxa li għandha titħallas fuqu u t-taxxa li għandha titħallas, jew li għandha titħallas lura lil dik il-persuna għal dik is-sena ta' stima, u meta l-Kummissarju wara li jkun għamel stima jkun tal-fehma li xi taxxa tkun ġiet stmata f'ammont inqas minn dak li kellu jiġi intaxxat, huwa jista', bl-istess mod, jagħmel stima jew stimi addizzjonali…*

L-import ta' dan il-jedd tal-Kummissarju tat-Taxxi ġie diversi drabi trattat fis-sentenzi pronunċjati mill-Qorti ta' l-Appell bħal ad eżempju fis-sentenza fl-ismijiet **A.B. v. Joseph Mifsud Bonnici bħala Kummissarju tat-Taxxi Interni**, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Novembru 1960[14], fejn fir-rigward ta' l-Artikolu 53 ta' l-Income Tax Act - liema artikolu dak iż-żmien kien jipprovdi għall-istess jedd tal-Kummissarju tat-Taxxi kif provdut fl-Artikoli 30 u 31 tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta' Malta llum - osservat illi l-iskop ta' tali provvediment tal-Liġi huwa li *jassigura illi kull persuna soġġetta għat-taxxa tħallas l-ammont tat-taxxa li skond il-Liġi hu verament dovut minnha u għalhekk jagħti diskrezzjoni lill-Kummissarju li joħroġ 'assessments' ġodda jekk hu jidhirlu illi għal xi raġuni, hi x'inhi, dik il-persuna ma kenitx ġiet intaxxata kemm imiss purchè dan isir fiż-żmien preskritt f'din id-disposizzjoni* - fil-liġi kif in vigore llum, l-Artikolu 31(6) tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta' Malta. *Ir-raġuni għall-azzjoni tal-Kummissarju tista' tkun żball ta' kalkolu fl-ewwel 'assessment' jew ekwivoku fir-rata applikabbli jew nuqqas fl-ammont ta' l-'income' kontenut fir-'return' jew kull raġuni oħra. M'hemm ebda ġustifikazzjoni biex wieħed jirritjeni illi l-kliem tal-liġi ma jikkomprendix il-każ li l-iżball fl-ewwel 'assessment' ikun dovut għall-istat tat-'taxpayer' jew ir-residenza tiegħu. Dak li jintitola lill-Kummissarju illi jaġixxi kif kontemplat fl-imsemmija disposizzjoni tal-liġi huwa l-fatt illi fl-opinjoni tiegħu t-'taxpayer' ma jkun ħallas xejn meta suppost li kellu jħallas jew inkella ħallas ammont iżgħar minn dak li skond il-liġi messu ħallas, mingħajr ma l-liġi tagħmel ebda limitazzjoni a rigward tal-kawża jew raġuni li minħabba fiha l-fatt ikun ġara.*

Fis-sentenza fl-ismijiet **A.B. v. Kummissarju tat-Taxxi**, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fil-31 ta' Mejju 1971[15], hi u tittratta l-aggravju li *ladarba l-Kummissarju kien applika d-diskrezzjoni tiegħu meta ħareġ il-likwidazzjoni oriġinali, mhux intitolat jerġa' juża d-diskrezzjoni tiegħu biex jirrivedi il-likwidazzjoni tiegħu*, il-Qorti ta' l-Appell osservat *il-Qorti hi kjarament tal-fehma illi dik is-sottomissjoni hi infondata. Il-Bord wieġeb għal dik l-obbjezzjoni ta' l-appellant billi qal illi l-Kummissarju juża*

[14] Decisions of the Court of Appeal, Vol. 1 pg. 266.
[15] Decisions of the Court of Appeal, Vol. 3 pg. 50.

*d-diskrezzjoni tiegħu fuq il-fatti li jkunu għak-konoxxenza tiegħu u jekk aktar 'il quddiem il-Kummissarju jsir jaf b'fatti ġodda rilevanti hu ma jistax jagħmel ħaġ'oħra ħlief li jiddeċiedi skond il-provi kollha li jkollu quddiemu. Dan hu indubbjament korrett. Verament il-Qorti anqas tara x'taqsam il-kwistjoni ta' "diskrezzjoni" fis-sottomissjoni ta' l-appellant. … Kif qal il-Bord il-Kummissarju jiddeċiedi skond il-provi li jkollu quddiemu: iżda jekk aktar tard jirriżulta li jkun sar żball u d-deduzzjonijiet ma kienux dovuti jew għax il-fatti ma kienux kif kienu ġew rappreżentati lill-Kummissarju, jew anki talvolta għax il-Kummissarju, apprendihom ħażin, hu awtorizzat mill-artikolu 53 li joħroġ "additional assessments" basta li dan isir fiż-żmien preskritt f'dan l-artikolu.*

Fid-dawl ta' dan kollu osservat għalhekk, il-fatt li wara li ssottometta d-dikjarazzjonijiet tat-taxxa tiegħu għas-snin ta' stima in kwistjoni r-Rikorrent kien ġie nfurmat li l-bilanċ dovut minnu kien €0.00, ma jipprekludix lill-Kummissarju tat-Taxxi milli, jekk hekk jidhirlu meħtieġ, joħroġ stimi addizzjonali fil-konfront tiegħu.

Għaldaqstant dan l-aggravju tar-Rikorrent ma huwiex ġustifikat u b'hekk ma jistħoqqx li jiġi milqugħ.

Trattati dawn il-punti, it-Tribunal ser jgħaddi issa biex jittratta l-appell tar-Rikorrent fil-mertu.

**Appell fil-mertu:**

Minn konsiderazzjoni akkurata tal-provi prodotti u tas-sottomissjonijiet avvanzati mill-partijiet kontendenti jirriżulta li l-kwistjoni ċentrali f'dan l-appell tittratta dwar jekk ir-Rikorrent kellux o meno, fis-snin ta' stima mertu ta' dawn il-proċeduri, ikun assoġġettat għat-taxxa fuq l-income hawn Malta fuq is-salarju minnu perċepit bħala membru ta' l-ekwipaġġ tal-linja ta' ajru Ryanair, stabbilita ġewwa l-Irlanda u li tipprovdi titjiriet internazzjoni, anke minn u lejn Malta, fir-rigward ta' liema salarju huwa ġia kien ħallas it-taxxa relattiva ġewwa l-Irlanda.

Ir-Rikorrent jikkontendi u jissottometti li *huwa membru ta' l-ekwipaġġ tal-kumpannija ta' l-ajru, Ryanair. Huwa jħallas it-taxxi tiegħu fl-Irlanda. Il-fatt li l-kuntratt ta' impjieg ta' l-esponent ġie ffirmat ġewwa l-Irlanda, fl-2010 huwa punt determinanti u dan minħabba l-eċċezzjoni li teżisti għall-individwi li huma membri ta' l-ekwipaġġ ta' l-ajru tar-Ryanair (cabin crew) li kienu ġew impjegati permezz ta' kuntratti datati qabel it-28 ta' Ġunju 2012 u allura ma jkunux affettwati mir-regoli l-ġodda sakemm is-sitwazzjoni tagħhom tibqa' mhux mibdula u li dawn ma jitolbux li tkun soġġetta għar-regola l-ġdida (vide Regulations 465/12, 883/2004, articles 87 and 87a and 987/09). Din hija l-posizzjoni ta' l-esponent. Illi l-esponenti (i) jeżerċita x-xogħol tiegħu fuq titjiriet internazzjonali u mhux interni, (ii) l-ajruplani kollha tar-Ryanair huma bbażati fl-ajruport ta' Oslo Rygee u huma fuq r-reġistru Irlandiż u għalhekk huma konformi mar-regolamenti ta' l-Unjoni Ewropeja u r-regolamenti/legislazzjonijiet internazzjonali. Di fatti, taħt il-liġi tat-taxxa Irlandiża, ekwipaġġ ta' l-ajru li joperaw titjiriet internazzjonali fuq ajruplani reġistrati l-Irldana, li huma ġestiti mill-Irlanda, għandhom iħallsu t-taxxi tagħhom fl-Irlanda u mhux f'Malta, vide l-liġi tat-Taxxa Irlandiża (Taxes Consolidation Act 1997), kif ċitata skond Kap.5, artikolu 127B. Din il-Liġi tirreferi għall-individwu u*

*mhux biss għall-intrapriża jew l-ajruplan.... Illi kif già spjegat fir-Rikors promotur, l-esponenti: (i) Għandu kuntratt ta' impjieg Irlandiż, mas-soċjetà Irlandiża Ryan Air li ġie ffirmat ġewwa l-Irlanda fl-2010. Dan huwa punt determinanti u dan minħabba l-eċċezzjoni li teżisti għall-individwi li huma membri ta' l-ekwipaġġ ta' l-ajru tar-Ryan Air (cabin crew) li kienu ġew impjegati permezz ta' kuntratti datati qabel it-28 ta' Ġunju 2012 u allura ma jkunux affettwati mir-regoli l-ġodda sakemm is-sitwazzjoni tagħhom tibqa' mhux mibdula u li dawn ma jitolbux li tkun suġġetta għar-regola l-ġdida (vide Regulations 465/2012, 883/2004 and 987/2009). Din hija l-posizzjoni ta' l-esponent u tibqa' in vigore sal-2022 vide Regulations 883/2004 Article 87 u 87a già ċitati aktar 'l fuq u ara paġni 1 u 2 ta' l-ittra datata 22/05/2016 JCZ4. ... (ii) Illi l-esponenti ma għandux għalfejn iħallas it-taxxa f'Malta fuq is-salarju tiegħu mill-kumpanija barranija, Ryanair, meta huwa digà iddikjara dan is-salarju u ħallas it-taxxa dovuta annwali ġewwa l-Irlanda, kuntrarjament għal dak li qed jiġi ordnat sabiex jagħmel mid-dipartiment tat-Taxxi, u cioè li l-esponenti jħallas it-taxxa f'Malta u jitlob rifużjoni għat-taxxa imħallsa fl-Irlanda. Ara l-artikolu 13b tar-Regulation (EC) No. 883/04 li juri biċ-ċar li ġialadarba l-esponent jaħdem ma' kumpanija Irlandiża fuq ajruplan Irlandiż u dan billi ma jagħmilx sitt xhur hawn Malta (cide Artikolu 13 ta' l-Att 123 tal-Liġijiet ta' Malta). (iii) Illi għalhekk l-ekwipaġġ ta' l-ajru tar-Ryanair ikollhom kuntratti ta' impjieg Irlandiż reġistrat fl-Irlanda. Għalhekk, il-post tax-xogħol tagħhom għandu jkun kkunsidrat bħala territorju Irlandiż taħt ir-regolamenti ta' l-UE għall-ħaddiema tat-trasport. Bħala riżultat, l-impjegati tar-Ryanair huma marbuta biss li jħallsu taxxa tad-dħul personali u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali fl-Irlanda. ... Illi l-artikoli 8 u 15 tad-Double Taxation Act għandu jinqara fid-dawl ta' l-OECD Model fejn l-Artikolu 15(1) OECD jgħid hekk "the employee's state of residence has exclusive taxing rights unless the employment is exercised in another state" u l-Artikolu 15(3) jittratta r-rimunerazzjoni miksuba fir-rigward ta' impjieġi eżerċitati abbord vapur involut fit-trasport tal-passaġġi ta' l-ilma interni. Cioè dan jipprovdi li tali remunerazzjoni għandha tiġi ntaxxata fl-Istat Kontraenti fejn il-post ta' amministrazzjoni effettiva ta' l-intrapriża jista' jkun lokat. Id-dritt ta' l-Istat li fin tinsab l-intrapriża għandu dritt permissiv li jimponi taxxa. Illi l-esponent ma jagħmilx sitt xhur hawn Malta vide dikjarazzjoni ta' l-esponent a fol. 138 Dok. "JCZ-A2 u fol. 172 Dok. SA6 u ta' omm il-partner tar-rikorrenti Suzanna Zvelova fol. 138 et seq. Dok. "JCZ A3" (u ż-żewġ dikjarazzjonijiet ma ġewx ikkontestati) u anke jekk il-buon sens jirrenja, jekk l-esponent jagħmel aktar minn sitt xhur f'Malta ma jkunx qed jaħdem xejn (cioè jkun fallut jew diżokkupat). Illi l-fatt li persuna għandha vettura fuq isimha u/jew proprjetà ma jfissirx li dik il-persuna hi obbligata tħallas it-taxxa fuq l-impjieg tagħha fil-pajjiż li tinsab il-proprjetà. Di fatti l-esponent spjega li hu kellu 'postal address' għand iz-zija t'ommu, li għandha 96 sena u li kien anke joqgħod għandha meta kien ikun Malta. Issa din tkun ħafna drabi rikoverata u stante l-fatt li ma kellux fejn jgħix, ħass li ma kellux joqgħod jonfoq f'kirja u għalhekk xtaq jinvesti fi proprjetà u hu koproprjetarju ta' l-istess. L-esponent spjega wkoll li hu jsiefer għand it-tfajla tiegħu ġewwa l-Islovakkja u ġab anke prova li hu jħallas meta jgħix hemm. Ir-residenza hi stat ta' fatt u mhux dipendenti jkollokx proprjetà jew vettura ġo pajjiż. .... Illi huwa rrelevanti fejn hu iddomiċiljat u/jew residenti l-esponenti għall-fini tat-Taxxa għaliex kif ġie ampjament spjegat, 'cabin crew' huma l-eċċezzjoni tar-regola; Illi bla preġudizzju għas-suespost, l-esponenti għandu kuntratt Irlandiż, impjegat ma' soċjetà Irlandiża bl-isem Ryan Air, jaħdem fuq ajruplani reġistrati l-Irlanda, u*

*l-kuntratt ġie ffirmat fl-2010 u għalhekk skond ir-Regoli ta' l-Unjoni Ewropeja, dan għandu jibqa' jħallas taxxa tad-dħul personali u il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali fl-Irlanda sa' l-2022, jekk il-kuntratt ta' l-impjieg jibqa' kif inhu*[16].

Il-Kummissarju tat-Taxxi assolutament ma jaqbilx mal-posizzjoni adottata mir-Rikorrent u mas-sottomissjonijiet u osservazzjonijiet tiegħu u jissottometti li *skond l-Atti dwar it-Taxxa [Kao. 123 u 372 tal-Liġijiet ta' Malta] persuna li hija kemm residenti kif ukoll domiċiljata ġewwa Malta, hija taxxabbli f'Malta fuq kwalunkwe dħul li jista' jkollha, inkluż dħul minn barra (world-wide income) u dan dejjem suġġett għall-ħelsien minn taxxa doppja (fil-każ partikolari, skond l-Ordni ta' Eżenzjoni mill-Ħlas ta' Taxxa Doppja fuq l-Income ma' l-Irlanda - Avviż Legali 62 ta' l-2009/S.L. 123.105). Illi l-esponent jirreferi għall-artikolu 15(3) ta' l-Avviż Legali 62 ta' l-2009 li jgħid li: "Minkejja d-disposizzjonijiet preċedenti ta' dan l-Artikolu, il-kumpens li jinkiseb dwar impjieg eżerċitat abbord bastiment jew inġenji ta' l-ajru operati fi traffiku internazzjonali minn impriża ta' Stat Kontraenti għandu jiġi ntaxxat biss f'dak l-Istat. Madanakollu, jekk il-kumpens jinkiseb minn resident ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor, jista' jiġi ntaxxat ukoll f'dak l-Istat l-ieħor". Din ifisser illi kemm l-Irlanda u kif ukoll Malta għandhom d-dritt jintaxxaw tali dħul, dejjem suġġett għall-Avviż Legali 62 tal-2009. Illi fil-fatt id-dritt ta' l-erarju Malti li jintaxaa tali dħul ġie saħansitra rikonoxxut fl-ittra ta' Richard Higgens (Head of Finance Risk & Compliance Ryanair Limited) datata 25 ta' Awwissu 2016 (u sottomessa mir-rikorrent mar-rikors promotur) fejn qal: "Whilst acknowledging Malta has the right to tax the worldwide incomes of its tax residents, we note that under Article 22(2) of DTT, Malta is required to grant a credit against any Tax liability of Irish tax paid under the DTT" u jkompli jgħid "as a result, any resident's liability to Maltese tax, in respect of income earned aboard an Irish registered aircraft operating in international traffic must be calculated after the allowance of a credit for Irish tax paid". Illi għalhekk il-fatt li r-rikorrent kien qed jiġi ntaxxat ġewwa l-Irlanda, ma jipprekludix lill-erarju Malti milli jintaxxa l-istess dħul a bażi ta' domiciljju u residenza ordinarja skond il-liġi tal-pajjiż. In oltre, kif jirriżulta mill-provi u kuntrarjament għal dak allegat, ir-Rikorrent ingħata l-kredu ta' taxxa dwar ħelsien minn taxxa doppja ġewwa Malta ... in kwantu huwa kkunsidrat residenti ġewwa Malta. Illi dato ma non concesso u biss għall-grazzja ta' l-argument, li kieku tali dħul kellu jiġi dikjarat biss ġewwa l-Irlanda, ir-rikorrent, li matul dan il-perijodu xorta għamel ammont ta' ġranet sostanzjali jgħix ġewwa Malta, kellu jiddikjara qualunque remitted income minn tali impjieg li se mai kellu bżonn juża ġewwa Malta. Huwa lanqas tali dħul ma iddikjara għax immarka kollox 'none' u talab tnaqqis deduċibbli għad-dħul kollu li qala mill-impjieg hawn fuq imsemmi*[17].

Wara li qies u kkunsidra s-sottomissjonijiet rispettivament avvanzati mill-partijiet kontendenti u anke r-Regolamenti ċitati mir-Rikorrent u Liġi fiskali Irlandiż ukoll ċitata mir-Rikorrent, it-Tribunal huwa tal-fehma li fejn il-pretensjoni tar-Rikorrent hija bbażata fuq dak provdut fir-Regolamenti 883/04, 987/09 u 465/12 u fil-Taxes Consolidation Act 1997 ta' l-Irlanda, hija għal kollox insostenibbli.

Jibda biex jiġi osservat illi **Regulation (EC) No. 883/2004 of the European Parliament and of the Council of 29 April 2004 on the co-ordination of**

[16] Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrent, fol. 333 sa' 344 tal-proċess.
[17] Nota Responsiva tal-Kummissarju tat-Taxxi, fol. 348 sa' 356 tal-proċess.

**social security systems, Regulation (EU) No. 465/2012 of the European Parliament and of the Council of 22 May 2012** u **Regulation (EC) No. 987/2009 of the European Parliament and of the Council of 16 September 2009** ma jsibux applikazzjoni fil-każ in eżami stante li hawn qed tiġi trattata kwistjoni dwar **taxxa fuq l-income** filwaqt li l-imsemmija Regolamenti, ilkoll intrinsikament marbuta ma' xulxin, jittrattaw dwar ***the co-ordination of social security system***. In effetti l-Artikolu 3 tar-Regulation (EC) No. 883/04, liema artikolu ma jirriżultax li ġie emendat Bir-Regulation (EC) No. 465/12, jipprovdi li: *The Regulation shall apply to all legislation concerning the following* ***branches of social security***[18]*: sickness benefits, maternity and equivalent paternity benefits, invalidity benefits, old-age benefits, survivors' benefits, benefits in respect of accidents at work and occupational diseases, death grants, unemployment benefits, pre-retirement benefits, family benefits; 2. Unless otherwise provided for in Annex XI, this Regulation shall apply to general and special social security schemes, whether contributory or non-contributory, and to schemes relating to the obligations of an employer or shipowner. 3. This Regulation shall also apply to the special non-contributory cash benefits covered by Article 70. 4. The provisions of Title III of this Regulation shall not, however, affect the legislative provisions of any Member State concerning a shipowner's obligations. 5. This Regulation shall not apply to social and medical assistance or to benefit schemes for victims of war or its consequences.*

In kwantu l-affermazzjoni tar-Rikorrent li huwa, *qua* membru ta' l-ekwipaġġ tal-linja ta' l-ajru Ryanair stabilita ġewwa l-Irlanda, għandu jħallas it-taxxa fuq is-salarju tiegħu biss ġewwa l-Irlanda u mhux ukoll f'Malta hekk kif provdut fit-Tax Consolidation Act 1997 ta' l-Irlanda, senjatament mill-Artikolu 127B ta' l-imsemmi Att, it-Tribunal iqis li tali affermazzjoni hija għal kollox insostenibbli peress illi hija kjarament misinterpretazzjoni assoluta ta' l-imsemmi provvediment tat-Tax Consolidation Act 1997.

L-Artikolu 127B tat-Tax Consolidation Act 1997 jipprovdi li: (1) *Income arising to any individual, whether resident in the State or not, from any employment exercised aboard an aircraft - (a) that is operated in international traffic, and (b) where the aircraft is operated by an enterprise that has its place of effective management in the State, shall be chargeable to tax under Schedule E. (2) For the purposes of an arrangement to which this section and section 826 applies, 'international traffic' in relation to an aircraft does not include an aircraft operated solely between places to another state.* L-Artikolu 826 ta' l-Att - li jittratta dwar Double Taxation Relief - u senjatament is-subartikolu (1A), jipprovdi li: *Where - (a) the Government by order declares that arrangements specified in the order have been made with the government of any territory outside the State in relation to affording relief from double taxation of air transport undertakings and their employees in respect of all taxes which are or may become chargeable on profits, income and capital gains imposed by the laws of the State or the laws of that territory, and that it is expedient that those arrangements should have the force of law, and (b) the order so made is referred to in Part 2 of Schedule 24A, then, subject to this section and to the extent provided for in this section, the arrangements shall,*

[18] Enfasi tat-Tribunal.

*notwithstanding any enactment, have the force of law as if each such order were an Act of the Oireachtas on and from the date of - (i) the insertion of Schedule 24A into this Act, or (ii) the insertion of a reference to the order into Part 2 of Schedule 24A, which ever is the later.*

Minn qari kif suppost ta' dan il-provvediment tal-Liġi jirriżulta li kwalunkwe salarju perċepit minn impjegat ta' linja ta' l-ajru u li jaħdem fuq ajruplan li jopera titjiriet internazzjonali, huwa soġġett għat-taxxa fl-Irlanda **wkoll** u mhux esklussivament fl-Irlanda. Dan ifisser għalhekk li r-Rikorrent huwa mhux biss soġġett li jħallas it-taxxa fuq is-salarju tiegħu fl-Irlanda iżda jista' jkun soġġett ukoll għall-ħlas tat-taxxa f'Malta, anzi l-Kummissarju tat-Taxxi jikkontendi li huwa soġġett għall-ħlas tat-taxxa f'Malta bl-applikazzjoni però tad-disposizzjonijiet tad-Double Tax Treaty ma' l-Irlanda.

L-Artikolu 4(1) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income, Kap.123 tal-Liġijiet ta' Malta, jittratta l-kwistjoni ta' *income* mhux derivat minn Malta u fir-rigward, senjatament wara d-disposizzjoni ġenerali li: *bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, it-taxxa fuq l-income għandha titħallas bir-rata jew rati speċifikati hawn taħt għas-sena ta' stima li tibda fl-1 ta' Jannar 1993 iżda biss dwar qligħ kapitali li jkun sar fil-25 ta' Novembru 1992 jew wara u għal kull sena ta' stima susssegwenti fuq il-qligh kapitali kif imfisser fl-Artikolu 5 li jkun dovut jew derivat minn Malta jew band'oħra, u sew jekk jasal Malta jew le, u għas-sena ta' stima li tibda mill-1 ta' Jannar 1949 u għal kull sena sussegwenti ta' stima* ***fuq l-income ta' kull persuna li jkun dovut jew derivat minn Malta jew band' oħra, u sew jekk jasal Malta jew le***[19] *dwar* … f'proviso minnhom jipprovdi speċifikatament li *fil-każ ta' income li jinqala' barra minn Malta minn persuna li ma tkunx ordinarjament residenti f'Malta jew mhux domiċiljata f'Malta, it-taxxa għandha titħallas fuq l-ammont li jasal f'Malta.*

Minn dan il-provvediment tal-Liġi jirriżulta ċar għalhekk li kull persuna li hija domiċiljata u oridinarjament residenti Malta għandha tħallas it-taxxa fuq id-dħul tagħha anke jekk dan ma jkunx derivat f'Malta. Dan fil-fatt jirriżulta b'mod ċar anke mill-Artikolu 13 tal-Kap.123 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi: *it-taxxa ma titħallasx dwar xi income li jkun ġej minn barra minn Mallta għal xi persuna li tkun f'Malta għal xi skop temporanju biss u mhux b'xi ħsieb li tistabilixxi r-residenza tagħha fiha u li ma tkunx attwalment irrisidiet f'Malta xi darba jew drabi għal perijodu li flimkien iġib b'kollox sitt xhur fis-sena li taħbat qabel is-sena ta' stima.*

L-element tar-residenza jirriżulta wkoll mid-Double Taxation Agreements li Malta għandha ma' diversi pajjiżi oħra. F'dan il-każ issir referenza speċifika għad-Double Taxation Agreement ma' l-Irlanda, Ordni dwar Eżenzjoni mill-Ħlas ta' Taxxa Doppja fuq l-Income ma' l-Irlanda, Leġislazzjoni Sussidjarja 123.05, li fl-Artikolu 15 jipprovdi - u dana b'mod partikolari fir-rigward ta' persuni li jiksbu kumpens minn impjieg eżerċitat abbord inġenji ta' l-ajru operati fi traffiku internazzjonali - li *1. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 16, 18 u 19, is-salarji, il-pagi u kumpens ieħor bħal dak li jinkisbu minn resident ta' Stat Kontraenti dwar xi impjieg għandhom ikunu taxxabbli biss f'dak l-Istat kemm-il darba l-impjieg ma jiġix*

---

[19] Enfasi tat-Tribunal.

*eżerċitat fl-Istat Kontraenti l-ieħor. Jekk l-impjieg jiġi hekk eżerċitat, dak il-kumpens li jinkiseb minnu jista' jiġi ntaxxat f'dak l-Istat l-ieħor. 2. Minkejja d-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1, il-kumpens li jinkiseb minn resident ta' Stat Kontraenti dwar impjieg eżerċitat fl-Istat Kontraenti l-ieħor għandu jkun taxxabbli biss fl-Istat l-ewwel imsemmi jekk: (a) min jirċevih ikun preżenti fl-Istat l-ieħor għall-perijodu jew perjodi li ma jaqbżux it-total ta' 183 ġurnata f'perijodu ta' 12-il xahar li jibda għaddej jew itemm fis-sena fiskali involuta; u (b) il-kumpens jitħallas minn, jew f'isem prinċipal li ma jkunx resident ta' l-Istat l-ieħor; u (ċ) il-kumpens ma jkunx piż fuq l-istabbiliment permanenti jew bażi stabbilit li l-prinċipal ikollu fl-Istat l-ieħor. 3.* ***Minkejja d-disposizzjonijiet preċedenti ta' dan l-Artikolu, il-kumpens li jinkiseb dwar impjieg eżerċitat abbord bastiment jew inġenji ta' l-ajru operati fi traffiku internazzjonali minn impriża ta' Stat Kontraenti għandu jiġi ntaxxat biss f'dak l-Istat. Madanakollu, jekk il-kumpens jinkiseb minn resident ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor, jista' jiġi intaxxat ukoll f'dak l-Istat l-ieħor***.

Huwa ovvju u evidenti għalhekk li l-qofol tal-kwistjoni odjerna huwa dwar jekk ir-Rikorrent, fis-snin pertinenti għas-snin ta' stima 2011, 2012, 2013, 2014 u 2015 (ossia fis-snin bażi 2010, 2011, 2012, 2013 u 2014) kienx domiċiljat u ordinarjament residenti f'Malta.

Dwar id-domiċilju tar-Rikorrent tul is-snin mertu ta' dawn il-proċeduri ma hemmx kontestazzjoni li huwa fil-fatt kien domiċiljat Malta. Dan il-fatt bl-ebda mod ma ġie kontestat jew addirittura imxejjen mir-Rikorrent li invece ffoka u rabat il-kwistjoni kollha ma' l-*ordinary residence* tiegħu fejn ittena jipprova u jargument li fiż-żmien in kwistjoni huwa ma kienx ordinarjament residenti f'Malta.

It-Tribunal hawn jagħmel referenza għal dak osservat mill-Avukat Dr. Robert Ablea fil-ktieb tiegħu **Principles of Maltese Income Tax Law**, fir-rigward tal-kunċett ta' *ordinary residence - The ITA does not incorporate a definition of the term 'ordinary resident'. It does incorporate a definition of the term resident but the terms 'residence' and 'ordinary residence' were held not to be synonymous terms. A person can be a resident of Malta without being ordinarily resident in Malta. Ordinary residence requires more than mere residence; it connotes residence in a place with some degree of continuity. Ordinary residence means residence which is normally part of a person's everyday life. Whereas case law has interpreted the test to establish residence as being a test which is driven by a physical presence test, a legalistic facts and circumstances test is applied for the purposes of determining ordinary residence. Ordinary residence is contrasted with occasional or temporary residence. It is necessary to take into account the duration of an individual's presence in a country, the regularity and frequency of his visits to a country, his family and business ties and nature of a person's visits to a country, to determine whether a person is an ordinary resident of that country. In brief, the constitutive elements of ordinary residence have been held to consist in the following: (i) A regular physical presence in a country, residence which is part of the regular order of a person's life; (ii) Residence with a degree of continuity, notwithstanding occasional temporary absences; (iii) Residence taken up voluntarily. The concept of ordinary residence has been recently thoroughly examined in the recent Gaines-*

*Coopers case*[20]*. … Mr. Gaines-Cooper is a gentleman who has connections with a number of jurisdictions. He was born in Reading in England in 1937 to British parents. He grew up and studied in England. In 1954 Mr. Gaines-Cooper undertook national service and was posted to Cyprus from 1954-55. Upon completing national service Mr. Gaines-Cooper returned to the UK where he started a successful business. He bought a large residence in Reading in which he kept his paintings and collections of guns and vintage cars. In 1971 Mr. Gaines-Cooper sold his shares in his company to a company resident in the Isle of Man but remained an employee of the company. In the course of the proceedings it transpired that the Isle of Man company was beneficially owned by Mr. Gaines-Cooper. In 1971 the Isle of Man Company acquired a large property in the UK, the property was converted into a dairy. Mr. Gaines-Cooper did not have any living accommodation at the Dairy but he used to like to visit the property. In 1973 Mr. Gaines-Cooper travelled to the Seychelles and decided to establish his permanent home there. In 1974 he resigned from the company and established a property development company in Canada. In 1975 he applied for a residence permit to live in the Seychelles and established a plastic factory there. The Seychelles residence scheme appears to have been similar to the Maltese permanent residence scheme. The Seychelles business was not profitable. When he visited the Seychelles from 1973-1975 he stayed at a Hotel. However, Mr. Gaines-Cooper's visits to the Seychelles were so regular and of such duration that the management of the Hotel knocked two suites together for his living accommodation. A year later he acquired a house situated within the hotel grounds but was unable to meet his loan commitments and decided to sell the property to the British Foreign Office. In 1977 Mr. Gaines-Cooper met a certain Miss Laye-Sion in the United Kingdom. Miss Laye-Sion would become very important in Mr. Gaines-Cooper's life but in 1979 Mr. Gaines-Cooper got married to another woman, a Dutch citizen named Dilona Lantang. Mr. and Mrs. Gaines-Cooper lived in a house in California. In 1981 Mr. Gaines-Cooper expressed this willingness to live in his property in Reading on a permanent basis. He entertained his guests at Reading and received all his correspondence there. In 1984 Miss Laye-Sion started to work for one of the companies of Mr. Gaines-Cooper and Mr. Gaines-Cooper was reported to have entered into a good and stable relationship with Miss Laye-Sion. Mr. Gaines-Cooper's marriage to Dilona Lantang was dissolved in 1986. Mr. Gaines-Cooper married Miss Laye-Sion in 1993, a Seychelles citizen, in England but Miss Laye-Sion applied for naturalisation as a British Subject. The point at issue was whether Mr. Gaines-Cooper was resident, ordinarily resident and domiciled in the UK. … The case of Gaines-Cooper revolved around a question which had previously been brushed aside as a purely academic issue - the question whether a person can be ordinarily resident in a country without being a resident of that country, an issue which has been tackled by our Courts. The Court held that Gaines-Cooper was ordinarily resident in the UK because his residence in the UK was continuous in the sense that it continued from year to year. It was ordinary and part of his everyday life bearing in mind that Mr. Gaines-Cooper's everyday life was far from ordinary. The Special Commissioners held that a person would still be ordinarily resident in a country which he visits from year to year even if there were an occasional year when he was not resident in that country*[21]*.*

---

[20] Special Commissioners 26 ta' Ġunju 2006, konfermata mill-High Court of Justice fit-13 ta' Novembru 2007.
[21] Principles of Maltese Income Tax Law - Robert Attard, pg. 170, 171, 174 u 175.

Meta l-prinċipji hawn appena ċitati jiġu applikati għall-fattispecie tal-każ in eżami ma jistax għajr li jirriżulta li fil-fatt tul is-snin bażi 2010, 2011, 2012, 2013 u 2014 ir-Rikorrent kien *ordinarily resident* hawn Malta.

Għalkemm ir-Rikorrent jaħdem ma' linja ta' l-ajru stabbillita ġewwa l-Irlanda u l-kuntratt ta' l-impjieg tiegħu fl-2010 ġie ffirmat ġewwa l-Irlanda, mix-xhieda tar-Rikorrent stess jirriżulta li tul is-snin mertu ta' dawn il-proċeduri huwa dejjem kien ibbażat hawn Malta. In effetti fix-xhieda li ta waqt is-seduta tal-11 ta' Ottubru 2018[22], għall-mistoqsija *f'liema perijodu ma kontx tgħix u għal kemm żmien?* ir-Rikorrent wieġeb *kont Dublin mill-2007 sat-2010, imbagħad ġejna hawnhekk ibbażati Malta u noperaw minn hawn Malta bħala cabin crew għal outside Malta*. Żied jgħid illi *ma bediex il-kuntratt, we were transferred to Malta from Ireland*. Għall-mistoqsija tat-Tribunal *imma inti imbagħad attwalment bħala post fejn kont qed tgħix bqajt Dublin jew ġejt lura Malta? Inti mhux il-kumpannija*, ir-Rikorrent wieġeb *jiena ġejt ibbażat hawn Malta imma minix permanent based hawn Malta, il-kumpanija tiegħi tista' tibgħatni anytime in anywhere in Europe kif jiġri fil-fatt*. Għall-mistoqsijiet ulterjuri *però l-bażi hawn Malta?* u *Imma tibgħatek anywhere in Europe fuq flight f'xogħlok bħala pilot jew tmur tgħix hemmhekk, għax hija differenti?* ir-Rikorrent wieġeb *il-bażi hawn Malta, Ryanair għandha l-bażi hawn Malta. … Minix pilot, cabin crew. Tibgħatni bħala xogħol, bħala course u dawn l-affarijiet. Jiena senior cabin crew u line checker hawnhekk, jiġifieri bilfors il-kumpanija hawnhekk taħt Irish Law għandha courses li rridu mmorru every year u mhux course wieħed bħal fire training, sales courses u tbigħatna anywhere*. Żied jgħid *ġieli jkunu ħamest ijiem u ġieli jdumu iktar. L-aħħar darba mort il-Ġreċja domt ġimgħatejn, mort il-Ġreċja bħala incentive tax bħala affarijiet oħra biex nissentivjaw lin-nies, ten days paid by the company obviously. Ma ħdimniex minn hemmhekk imma kellna operazzjoni wkoll mill-Greċja meta ma kellhomx nies, kellna mmorru noperaw minn Malta u kellna mmorru from Athens to Lisbon għamilna l-flight aħna. This is normal procedure for us*.

Għall-mistoqsija *fejn tirrisjedi meta tkun hawn Malta?* ir-Rikorrent wieġeb *hawn Malta qabel jiena ma kellix proprjetà f'dak iż-żmien jiġifieri dejjem kont nirrisjedi maz-zija u l-indirizz qatt ma nbidel dejjem fl-istess post. Riċenti xtrajt post hawn Malta bħala investiment u affarijiet hekk biex 'il quddiem forsi at the end of the day tiġi hawnhekk però għandi pjanijiet oħra li mmur Slovakkja mhux hawn Malta*. Mistoqsi kemm kien idum perijodi hawn Malta f'dak iż-żmien ir-Rikorrent wieġeb *niġi u mmur on and off. … we live literally on a bag, that's our life*. Għall-mistoqsija tat-Tribunal *imma dejjem għal skopijiet ta' xogħol?* ir-Rikorrent wieġeb *dejjem għal skopijiet ta' xogħol, we live our life on a crew bag*. Mistoqsi fejn tgħix il-partner tiegħu r-Rikorrent wieġeb *flimkien, aħna kollox nagħmlu l-istess, li nagħmel jien tagħmel hi*. Għall-mistoqsija *matul dan il-perijodu bejn l-2010 u l-2014, tikkonferma li kellek xi Vat numbers?* ir-Rikorrent wieġeb *iva m'inix ċert jekk hux fis-sena 2014, naħseb wara. Wara dak il-perijodu xtaqt niftaħ xi ħaġa hawn Malta, applikajt part-time job hawn Malta u fil-fatt bdejt. Imma kif jiena ma jiena qed inlaħħaq assolutament xejn. Fil-fatt ftit għamilt għax xtrajt garaxx però mhux qed nutilizzah għax ma tlaħħaqx, it's impossible*. Mistoqsi meta irreġistra l-Vat number u jekk għadux attiv, ir-Rikorrent wieġeb *bejn wieħed u ieħor 2014/2015 kemm ilna*

[22] Fol. 173 sa' 180 tal-proċess.

*tliet snin jew erba' snin, imma ma nafx eżatt eżatt. … iva għadu hemmhekk fil-fatt imma ilni xi sena jew sentejn ma nużah żgur.* Mistoqsi jikkonferma li fl-ittra li bagħat lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni huwa ddikjara li jaħdem fuq international flights, ir-Rikorrent wieġeb *iva we all work on international flights, we cannot do local.* Żied jgħid illi *we are based in Malta, our contract is based in Malta on an Irish Company.* Għall-mistoqsija *issa l-kuntratt tiegħek jgħid speċifikatament illi inti 'cabin services agent located principally in Malta" tikkonfermah dan?* ir-Rikorrent wieġeb *there is the rest of it also after that li jista' jiġi użat postijiet oħra, anywhere that we can be transferred any time and be used according the company, it is like that but there is more to it. … totally transfer no but we are transferred on a periodical time. … Short periods jibgħatuk tliet ijiem hawnhekk, tliet jiem hemmhekk, imma still you are not based here and they provide you a hotel when they do that and even something extra and this is a must.* Ir-Rikorrent ikkonferma wkoll li fid-dikjarazzjonijiet tat-taxxa tiegħu għas-snin ta' stima 2011, 2012, 2013, 2014 u 2015 huwa dejjem iddikjara li huwa residenti Malta, għad illi pprova jargumenta li fit-taxxa hu ma jifhimx u d-dikjarazzjonijiet tat-taxxa tiegħu kien jimlihomlu ħaddieħor u hu kien biss jiffirmahom.

Minn din ix-xhieda tar-Rikorrent jirriżulta ferm ċar li fiż-żminijiet pertinenti għal dawn il-proċeduri huwa kellu *a regular physical presence* f'Malta *which is part of the regular order of a person's life.* Għalkemm huwa veru li minħabba l-esiġenzi tax-xogħol tiegħu huwa kien ikun spiss fuq titjiriet internazzjonali jew fuq courses jew għal finijiet personali fuq btala ġewwa l-Islovakkja, huwa dejjem telaq minn u reġa ġie lura Malta fejn kellu l-bażi tiegħu. Huwa fatt inneggabbli li fiż-żminijiet pertinenti għal dawn il-proċeduri u minkejja l-fatt li r-Rikorrent jipprova jargumenta mod ieħor, l-istess Rikorrent kellu hawn Malta *a residence with a degree of continuity, notwithstanding temporary absences* liema *residence was taken up voluntarily.*

Fid-dawl ta' dan għalhekk u fid-dawl ta' dawk provdut fl-Artikolu 4(1) tal-Kap.123 tal-Liġijiet ta' Malta u anke fl-Artikolu 15(3) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 123.105, is-salarju perċepit mir-Rikorrent bħala membru ta' ekwipaġġ tal-linja ta' l-ajru Ryanair huwa soġġett għat-taxxa hawn Malta wkoll. Naturalment ir-Rikorrent huwa intitolat għall-kreditu ta' taxxa dwar ħelsien minn taxxa doppja ġewwa Malta, liema kreditu bħala fatt ingħata lilu mill-Kummissarju tat-Taxxi fil-kuntest tal-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa maħruġa għas-snin ta' stima 2011, 2012, 2013, 2014 u 2015.

In fine jiġi osservat li fid-dikjarazzjonijiet tat-taxxa tiegħu għas-snin ta' stima mertu ta' dawn il-proċeduri r-Rikorrent iddikjara li l-istatus tiegħu bħala *ġenitur wieħed* bil-konsegwenza li applika favurih - u mhux fuq suġġeriment, struzzjoni jew talba tad-Dipartiment - *married tax rates for single parents.* Tali rati però assolutament ma humiex applikabbli a favur ir-Rikorrent stante li mix-xhieda tiegħu stess mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Ottubru 2018[23] irriżulta li għalkemm huwa kien miżżewweġ u għandu tifla minn dan iż-żwieġ, li jaħseb li twieldet fl-1994, żied jgħid li *m'għandix konnessjoni magħha assolutament. Ilni żmien twil ma naraha u m'għandix ideja fejn qiegħda bil-Malti. … Ma kellix inħallas manteniment, hi ħadet l-affarijiet għax dak iż-żminijiet kellna kundizzjonijiet oħra għax ma kellix*

[23] Fol. 173 sa' 180 tal-proċess.

*x'naqsam mal-mara. Ma nafx kif qed tidħol din tal-mara ma' din il-kwistjoni, m'għandix ideja.*

Fid-dawl ta' dawn kollu osservat jirriżulta għalhekk illi l-appell tar-Rikorrent mill-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa maħruġa fil-konfront tiegħu mill-Kummissarju tat-Taxxa għas-snin ta' stima 2011, 2012, 2013, 2014 u 2015, fil-mertu ma huwiex ġustifikat u b'hekk ma jistħoqqx li jiġi milqugħ.

Għal dawn ir-raġunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi:

1. Jastjeni milli jieħu konjizzjoni tat-tieni eċċezzjoni sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi;
2. Jastjeni milli jieħu konjizzjoni ta' l-aggravju tar-Rikorrent u konsegwenti talbiet ibbażati fuq allegat ksur tad-drittijiet fondamentali tiegħu in kwantu t-Tribunal ma huwiex kompetenti biex jittratta u jiddetermina kwistjonijiet ta' natura Kostituzzjonali;
3. Jiċħad l-aggravji l-oħra kollha fuq liema r-Rikorrent jibbaża l-appell tiegħu mill-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa maħruġa fil-konfront tiegħu mill-Kummissarju tat-Taxxi għas-snin ta' stima 2011, 2012, 2013, 2014 u 2015 u minflok jikkonferma l-istess imsemmija Likwidazzjonijiet ta' Taxxa.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jiġu sopportati interament mir-Rikorrent.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**